# ID-DAWL

NOVEMBRU 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 95

**“Jistaqsuk dwar l-inbid u l-logħob tal-azzard. Għidilhom: ‘Fihom it-tnejn hemm ħsara kbira u wkoll xi benefiċċju għan-nies, iżda l-ħsara tagħhom it-tnejn hija akbar mill-benefiċċju tagħhom.’”**




Insellmu lil Xulxin | Għaliex l-Alkoħol huwa Projbit fl-Iżlam? | L-Iżlam u l-Ugwaljanza Razzjali | Nirrispettaw lill-Anzjani

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Insellmu lil xulxin bi tbissima

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Bħala bnedmin huwa importanti ħafna li dejjem nitkellmu lingwaġġ ġentili; u għandna dejjem nindirizzaw lin-nies b'rispett u dinjità. Il-kliem ġentili, ħanin, twajjeb u l-komunikazzjoni mimlija mħabba u ħanina dejjem iwittu t-triq lejn soċjetajiet fraterni u ta' mħabba.

Skont rakkont, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dejjem kien isellem lin-nies bi tbissima, u għalhekk, huwa enfasizza wkoll il-valur tat-tbissima billi qal li, li ssellem lil xulxin bi tbissima hija wkoll karità.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien tant pertinenti u attent fl-imġiba ġentili tiegħu man-nies li qatt ma kien kellem lanqas lill-ilsiera u 'l-qaddejja b'mod aħrax iżda wriehom l-akbar qalb tajba u attitudni ta' tbissima.

Darba meta persuna kienet qed titħasseb minħabba d-dinjità maestuża tal-Profeta, huwa assigura lir-raġel li ma kienx sultan despotiku iżda kien iben mara li tiekol laħam imnixxef, jiġifieri li huwa persuna umli u bniedem bħalhom. Dan huwa l-mudell li jeħtieġ li jiġi muri minn kull wieħed u waħda minna fl-istil ta' ħajja tagħna—kemm mill-mexxejja kif ukoll il-pubbliku, kemm l-għonja kif ukoll il-foqra, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa.

**ID-DAWL**

NOVEMBRU 2025 – Numru 95 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Greet each other with a smile 02
Why is alcohol forbidden in Islam? 03
Islam and racial equality 06
Respecting the elderly 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl Il-Qoxra: Africa Studio/Shutterstock.com

# Għaliex l-alkoħol huwa projbit fl-Iżlam? Nifhmu l-Għerf Divin

“Il-konsum tal-alkoħol jikkontribwixxi għal 2.6 miljun mewta kull sena globalment kif ukoll għad-diżabilitajiet u s-saħħa fqira ta’ miljuni ta’ nies. B’mod ġenerali, l-użu ħażin tal-alkoħol huwa responsabbli għal 4.7% tal-piż globali tal-mard.” — L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)

Din l-istatistika allarmanti waħedha tenfasizza l-għerf profond wara l-projbizzjoni tal-alkoħol mill-Iżlam. L-Iżlam, bħala reliġjon universali u naturali, jibbaża t-tagħlim tiegħu fuq il-benesseri tal-umanità—spiritwalment, fiżikament u soċjalment. Il-kmandamenti tiegħu għandhom l-għan li jipproteġu u jtejbu l-qagħda tal-individwi u tas-soċjetà.

Aktar minn 1,400 sena ilu, permezz tal-Koran Imqaddes, Alla li Jista’ Kollox żvela gwida eterna li tkompli ddawwal il-ħajja tal-bniedem. It-tagħlim tal-Iżlam jipprovdi qafas morali u spiritwali li jissalvagwardja kontra kull tip ta’ ħsara u jippromwovi l-kompassjoni, ir-responsabbiltà u l-benesseri.

It-tneħħija tal-alkoħol, sustanzi intossikanti u drogi illeċiti mis-soċjetà tgħin biex jissaħħu l-valuri bħall-imħabba, l-empatija u s-servizz altruwista lejn l-umanità. B’dan il-mod, noħolqu komunitajiet aktar b’saħħithom u li jimpurtahom, allinjati mal-għerf divin fil-qalba tal-Iżlam.

Meta naqraw u nirriflettu fuq it-tagħlim u l-kmandamenti tal-Koran Imqaddes dwar il-projbizzjoni tal-alkoħol insibu li, il-projbizzjoni tal-alkoħol mhijiex xi idea kulturali, iżda din hija kmand divin imsejjes fuq l-għerf u l-previżjoni. Il-Koran Imqaddes jindirizza l-perikli tal-alkoħol b’ċarezza u għarfien:

> **“Jistaqsuk dwar ix-xorb alkoħoliku u l-logħob tal-azzard. Għidilhom: ‘Fihom it-tnejn hemm ħsara kbira u wkoll xi benefiċċju għan-nies, iżda l-ħsara tagħhom it-tnejn hija akbar mill-benefiċċju tagħhom.”** (Il-Koran, 2:220)

Dan il-vers jirrikonoxxi li, filwaqt li jista' jkun hemm xi benefiċċji fl-alkoħol, il-ħsara tiegħu—kemm personali kif ukoll soċjali—huwa ferm akbar. Għalhekk, il-gwida hija ċara: evitah. Trid tevita u żżomm lilek innifsek 'il bogħod mill-konsum tal-alkoħol, għal ġid personali u soċjali akbar.

Jenfasizza li, filwaqt li l-alkoħol jista' joffri tgawdija temporanja jew faċilità soċjali, il-ħsara hija ferm akbar minn kwalunkwe benefiċċju. Dan ixekkel il-ġudizzju bejn tajjeb u ħażin, idgħajjef it-trażżin morali, u jwassal għal imġiba distruttiva.

Il-Koran imur aktar 'il bogħod fit-twissija tiegħu:

> **"Intom li temmnu! Xorb alkoħoliku, il-logħob tal-azzard, l-idoli u l-vleġeġ tat-tbassir ma humiex għajr tinġis minn għemil ix-Xitan. Mela duru kompletament 'il bogħod minn kull wieħed minnhom biex tistgħu tirnexxu.**
>
> **Ix-Xitan jixtieq biss joħloq għadwa u mibegħda bejnietkom permezz tal-inbid, ix-xorb u l-logħob tal-azzard, u jżommkom 'il bogħod mit-tifkira ta' Alla u mit-Talb. Mela (issa li tafu dan), intom se tieqfu (minn dawn il-vizzji)?"** (Il-Koran, 5:91-92)


Mrs_ya/Shutterstock.com

Dawn il-versi jenfasizzaw b'mod tajjeb ħafna l-ħsara personali kif ukoll dik soċjali kkawżata mill-alkoħol.

L-alkoħol ifixkel il-ġudizzju, iqanqal l-aggressjoni, u jbiegħed lill-individwi mill-attenzjoni, it-talb, u l-imġiba etika. Barra minn hekk, ifixkel il-familji, jiżra' l-firda, iqanqal il-kriminalità, u jbiegħed lill-individwi mill-għarfien spiritwali u etiku.

Il-kelma Għarbija *al-khamr* tintuża f'dawn il-versi li tfisser kull ħaġa li tintossika jew tbiddel il-moħħ. Għalhekk, il-forom kollha ta' xorb huma pprojbiti. Il-vers jispjega b'mod ċar il-problemi maħluqa mill-użu tax-xorb: l-ewwel, iwassal għall-mibegħda u l-għadwa fost in-nies, u jikkawża qtil, vjolenza, imġiba immorali eċċ.; u t-tieni nett ibiegħed lin-nies minn Alla u r-reliġjon Tiegħu.

Alla jrid li l-fidili jżommu moħħhom pur u nadif, sabiex iqimuh bis-sħiħ. Musulman ma jistax joffri talb (*salaat*) meta ma jkunx fis-sensi sħaħ tiegħu, anke jekk dan ikun ikkawżat minn emozzjoni eċċessiva jew stat ta' rqad. Ċertament, moħħ li jkun fis-sakra ma jkunx kapaċi jiffoka fuq Alla.

It-tagħlim tal-Iżlam huwa mimli kompassjoni u mħabba tal-umanità. Il-filosofija tiegħu tgħallem li jekk il-ftuħ ta' bieb joħloq xi periklu għall-benesseri tal-bniedem, anke t-tieqa għandha tibqa' magħluqa. Fi kliem ieħor, l-Iżlam jikkmanda l-prevenzjoni tal-ħsara f'kull livell — anke mill-iżgħar fetħiet.

It-tagħlim Iżlamiku għandu għeruq fondi fil-prevenzjoni, il-kawtela, u l-protezzjoni kemm tal-benesseri individwali kif ukoll kollettiv.

Dan il-prinċipju huwa eżemplifikat f'diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, li għamilha ċara b'mod tajjeb ħafna li:

**"Jekk doża qawwija ta' xi ħaġa ġġib is-sokor, mela anki kwantità żgħira minnha ssir illeġittima."**

# L-Iżlam u l-ugwaljanza razzjali

## Aħna lkoll nitwieldu minn ruħ waħda

"O bnedmin, ftakru fid-dmir tagħkom lejn Sidkom, li ħalaqkom minn ruħ waħda u minnha ħalaq is-sieħeb tagħha. Minnhom it-tnejn ħalaq u xerred ħafna rġiel u nisa. Ibżgħu minn Alla li f'ismu titolbu dak li tixtiequ mingħand xulxin, u la tonqsux fl-obbligi tagħkom lejn qrabatkom. Tassew, Alla jħares fuqkom." (Il-Koran, 4:2)

## Għaliex il-gruppi razzjali differenti?

"Ja bnedmin, Aħna tabilħaqq ħlaqniekom minn raġel u mara; u għamilniekom ġnus u tribujiet biex issiru tagħrfu lil xulxin. Tassew, l-aktar onorabbli fostkom, f'għajnejn Alla, huwa dak li hu l-aktar ġust fostkom, u jibża' minn Alla. Żgur, Alla Jaf Kollox, Jaf Kollox Sewwa." (Il-Koran, 49:14)

## Kulħadd huwa liberu li jistinka għall-progress spiritwali

"Lil dawk li jħabirku għalina u jistinkaw għalina, immexxuhom fit-toroq tagħna. Alla tassew huwa ma' dawk li jagħmlu t-tajjeb." (Il-Koran, 29:70)

## Alla jkattar il-ġid

"Jaqaw ma jarawx li Alla jkattar il-ġid lil min irid, kif ukoll inaqqsu (lil min jidhirlu)? Tabilħaqq f'dan (kollu) hawn sinjali għal nies li jemmnu." (Il-Koran, 30:38)

## Alla tassew jagħti l-għerf

"Huwa (Alla) jagħti l-għerf lil min jogħġbu, u kull min jingħata l-għerf ikun tabilħaqq ingħata ġid abbundanti. Iżda ħadd ma jagħti kas ħlief dawk ta' dehen." (Il-Koran, 2:270)

## Kulħadd huwa liberu li jilqa' l-Anġli

Tabilħaqq li dawk li jgħidu, "Sidna huwa Alla," imbagħad jibqgħu sodi, l-anġli jinżlu fuqhom, u jgħidulhom: "La tibżgħux u la titnikktux, u tifirħu




bil-bxara t-tajba dwar il-Ġenna li kontu mwegħdin. Aħna nħarsukom fil-ħajja f'din id-dinja u fl-Oħra, u fiha jkollkom dak li jixtiequ qlubkom, u jkollkom dak kollu li titolbu: għotja ta' merħba (f'Dar Alla) mingħand Dak li huwa kollu Maħfra u Ħanin." (Il-Koran, 41:31-33)

## Talba importanti biex iġġib bidla pożittiva fil-ġenerazzjonijiet futuri

"Ordnajna lill-bniedem biex juri tjubija mal-ġenituri tiegħu, (*u ma għandux jinsa li*) ommu ġarritu (f'ġufha) bi tbatija, u wellditu bi tbatija; it-tqala (*fi ħdan ommu*) u l-ftim tiegħu jieħdu tletin xahar. Imbagħad meta jilħaq l-aqwa tiegħu u jsir ta' erbgħin sena, huwa jgħid: 'Sidi, qanqalni biex niżżik ħajr tal-grazzja Tiegħek li tajt lili u lill-ġenituri tiegħi, u biex nagħmel għemejjel tajbin li jogħġbuk. U agħmel li wliedi u nisli jkunu ġusti. Jiena tassew niedem quddiemek, u jiena tabilħaqq mill-ubbidjenti.'" (Il-Koran, 46:16)

# Kunu ġentili maż-żgħażagħ u rrispettaw lill-anzjani

Il-kompassjoni u r-rispett mhumiex biss kliem sempliċi—jirrappreżentaw żewġ filosofiji qawwija u prinċipji fundamentali għall-bini ta' komunitajiet b'saħħithom u koeżivi. Dawn il-valuri jmorru lil hinn mill-imġiba individwali; isawru l-istruttura morali tas-soċjetà.

Il-kompassjoni trawwem l-empatija, it-tjubija, u l-kura għall-oħrajn, speċjalment dawk vulnerabbli u iżgħar, filwaqt li r-rispett jiżgura d-dinjità, il-fehim reċiproku, u l-unur tad-drittijiet u l-kontribuzzjonijiet ta' kull persuna. Meta t-tnejn jiġu pprattikati kollettivament, joħolqu kultura msejsa fuq il-fiduċja, il-kooperazzjoni, u l-valuri umani kondiviżi—waħda fejn in-nies jerfgħu lil xulxin aktar milli jikkompetu għad-dominanza. F'komunitajiet bħal dawn, l-armonija tiffjorixxi, u d-dinjità ta' kull membru hija rispettata.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal: **"Min m'għandux kompassjoni għaż-żgħażagħ tagħna u ma jagħrafx id-drittijiet tal-anzjani tagħna mhuwiex wieħed minna."** (*Sunan Abu Dawud*, Ktieb tal-Manjieri, Kapitlu: Ħniena)

Dan id-diskors jgħallem prinċipju importanti għal relazzjonijiet b'saħħithom fis-soċjetà. Ħafna kunflitti jseħħu meta l-anzjani (il-kbar) jonqsu milli juru qalb tajba maż-żgħażagħ, u ż-żgħażagħ jinsew juru rispett lejn l-anzjani (il-kbar) tagħhom. Meta ż-żewġ naħat jittraskuraw dawn il-valuri, dan jista' jwassal għal tensjoni u ġlied għall-poter bejn il-ġenerazzjonijiet. Huwa importanti li nifhmu li l-espressjoni "iż-żgħar u l-kbar" f'dan id-diskors tapplika għal kulħadd, kemm jekk huma iżgħar jew akbar fl-età, jew fir-relazzjoni, jew fil-ġid, jew fil-kariga, jew fil-prestiġju, jew fl-influwenza. Fi kwalunkwe aspett li teżisti d-differenza, kull anzjan huwa meħtieġ li jittratta liż-żgħir tiegħu b'kompassjoni u konsiderazzjoni, u kull żagħżugħ huwa mistenni li juri d-dinjità u r-rispett dovuti lejn l-anzjani tiegħu.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**